MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2008

Numru 355/2005

Il-Pulizija
(Spettur Mario Bonello)

vs

Carmel sive Charles Mercieca
Stephen Borg
Karl De Flavia
Anthony Dalli
Joseph Aquilina
Dominic Sant

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ numru 914547(M), 42262(M), 393583(M), 475958(M), 126970(M) u 265480(M) rispettivament akkuzati talli:

nhar it-23 ta’ April 2005 ghall-habta tal-4:45p.m. gewwa l-ground Nazzjonali ta’ Qali limiti tar-Rabat, Malta waqt il-partita u kif spiccat il-partita bejn Valletta u Floriana wrew imgieba abbuziva billi:

1. attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra membri tal-korp tal-Pulizija, persuni inkarigati minn servizz pubbliku filwaqt li huma kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni ta’ dan is-servizz jew ordni moghtija skond il-ligi minn awtorità kompetenti;
2. uzaw forza abbuziva kontra l-Assistent Kummissarju J. Brincat u ikkagunawlu griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna tieghu skond kif iccertifika Dr. David Attard M.D;
3. uzaw forza abbuziva kontra P.C 143 Stephen Grech u ikkagunawlu griehi ta’ natura hafifa skond kif iccertifika Dr. R. Scerri M. D.
4. volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli liema hsara tiskorri l-hamsin lira Maltin (Lm50) izda hija anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500) ghad-detriment tad-dirigenti tal-Malta Football Assosciation.
5. heddew lil persuni b’seats jew tefghu xi seats fuq il-post fejn kien qed isir il-loghob jew fuq xi parti ohra tal-ground ta’ l-isports;
6. kissru l-paci pubblika b’ghajjat u glied;
7. qalu kliem oxxen u dagha fil-pubbliku;
8. xewwxu gemgha ta’ nies, illi hekk imxewxa ingabru f’numru ta’ ghaxra jew aktar, sabiex jaghmlu reat;
9. hadu parti attiva ta’ ghaxra min-nies jew aktar, migburin biex jaghmlu reat.

Illi l-imputati kollha huma recedivi b’diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta.

Il-Qorti mitluba li minbarra li taghti l-piena skond il-ligi, tissospendi lill-imsemmija Carmel sive Charles Mercieca, Stephen Borg, Karl De Flavia, Anthony Dalli, Joseph Aquilina, u Dominic Sant milli jidhlu fi ground sportiv ghall-perjodu li jidrilha xieraq.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputati jirregistraw ammisjoni fl-liema ammisjoni huma ppersistew anka wara li l-Qorti tathom zmien jirrikonsidraw.

Ikkonsidrat

Stante l-ammisjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputati qeghda l-Qorti tiddikjarhom hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghhom.

Rat l-Artikoli 95, 221, 325(b), 339(c), 17(d) tal-Kap 9 u tikkundanna 4 xhur prigunerija lil kull wiehed mill-imputati li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 jibqaw sospizi ghal sena mil-lum. Tikkundannhom ukoll €25 multa kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------